ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 55/07**

L-ERBGĦA 27 TA' LULJU 2016 fil-6:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA 8PM* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji - *Inkluż Skeda ta' Pagamenti 41/07*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 54/07 tat-27 Ta' Ġunju 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-Proġett tal-ERDF, fejn konna ġejna mitluba mill-PPCD sabiex nagħtu xi dettalji dwar l-enerġija ġġenerata mill-pannelli solari u fuq parir tal-Inġinier kellhom jiġu tal-Enemalta għal monitoring peress li l-*PV* mhix tiġġenera enerġija kif suppost, ENEMALTA ġew u ktibna lill Ing. Apap Brown biex jiġi hu ukoll issa. Proġett ERDF 213 – rapport finali

ii.i Is-Sindku rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, qal li għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb. Is-Sindku ddikjara li hu min hu li qed jagħmel din il-ħsara huwa ser jibqa jmexxi bil-pulizija. Vandaliżmu

ii.ii Sadanittant kompla s-Sindku li kien hemm kritika pożitiva fuq facebook mingħand resident Frans Brincat dwar l-installar tal-cameras ġodda fi Ġnien Veliko Turnovo. Facebook - Cameras Godda

ii.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Information Kiosk fi Pjazzetta Off Triq Sta. Tereża qed topera. Ingħatajna wkoll xi materjal informattiv mid-Direttorat tat-Turiżmu li qed jitqassam flimkien mad-dvd u ktejjeb dwar ir-raħal. Dwar il-problema li teżisti fuq id-dawl li ġiet ċċekjata mill-kuntrattur tagħna, aktarx ser ikollna nagħmlu meter gdid. Information Kiosk

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li din ġiet approvata hekk kif proposta. Ktibna lit-TM sabiex naraw dan il-proġett kif ser jipproċedi u min ser jagħmel xogħol jekk hux il-Kunsill Lokali jew l-istess TM. Fejn tlabnihom fil-każ jekk jistgħux jgħinuna imqar f'parti minn dan il-proġett. S'issa għadna qed nistennew mingħand TM. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

v. Is-Sindku qal lill-Kunsill li qabel ma jirraporta fuq l-punti li jmiss xtaq jirraporta xi ħaġa dwar il-Perit Avallone. Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' dan il-Perit fejn dan infurmah li kien qiegħed jirreżenja peress li kellu impenji oħa u li għaldaqstant b'dispjaċir kbir ma kienx setgħa jonora il-kuntratt mal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.Fil-fatt is-Sindku ppreżenta u qara l-ittra tar-riżenja.Il-Kunsill ħa nota ta' dan,u b'mod unanimu aċċetta din ir-riżenja.Ittieħdet deċiżjoni unanima li l-Bank Guarantee tiġi rrilaxxata mingħajr tnaqqis. Riżenja Perit Avallone

v.i. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li għandu jmur għal offerta tat-tieni l-irħas li hija dik tal-Perit Chris Mintoff f'isem il-Kumpanija BUILDING & DESIGN CONSULTANTS. Għażla tat-tieni l-aħjar offerta – BUILDING & DESIGN

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt li kien qiegħed l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq xi materji oħra, iċċekkja ma' xi persuni responsabbli dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li għadna kif konna u għadna qed nistennew. Kompla s-Sindku li jidher li ma kinetx għadha ġiet ippreżentata mill-Perit Mintoff. Ġnien Kurunell Mass

vii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Inċident monument – Avukat UNTOURS

viii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li għadna qed nistennew mill-Planning Authority biex naraw x'ġara minn dan il-COMPLIANCE CERTIFICATE u żied Meter Ġnien Ovindoli

jgħid li f'dan il-każ kien ukoll iċċekkja u sab li l-pjanti approvati kienu antiki u ma jirriflettux kif inhu l-proġett llum. Jidher li l-Perit ta' dak iż żmien, il-Perit Dieter Falzon ma kienx applika għal amended application.

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex id-DLG jidderiġina kif għandna nipproċedu u għadna qed nistennew. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta l-voluntiera tal-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata kienu qed jarmaw l-armar tal-festa fi Triq is-Sorijiet bl-iscaffolding taw daqqa fuq il-bozza *central hanging* fejn ir-residenza nru. 149 fi triq s-Sorijiet u kissru l-fanal. Intalbet stima tal-ispejjeż lill-Kuntrattur tal-Kunsill u dan qalilna li din tkun trid tinbidel kollha u l-istima approssimattiva hija ta' €875.00 għax tkun trid issir bozza mill-ġdid.. Ħsara waqt l-armar għall-festa mill-Għaqda Kulura u Armar Marija Annuznajta

x.i Is-Sindku staqsa lil min kien rraporta jekk f'każ ta' bżonn kienx lest li jitla' jixhed iżda dan qallu li hu ma xtaqx jitla' il-Qorti. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li din il-bozza tibqa kif inhi u ma tinbidelx.

xi. Is-Sindku qal li għadna nistennew rigward it-talba lit-TM sabiex jindikawlna x'kienu l-ispejjeż li ried jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill biex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas. Sadanittant ġie deċiż li ngħaddu kollox lis-Sur Michael Cohen. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq Triq San Franġisk kien inbeda xi ftit. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xiii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li skond korrispondenza li għaddejja bħalissa u li l-Kunsill qed ikun ikkupjat biha, jidher li suppost fuq is-sit ikun hemm xi ħadd minn tas-Sovra Intendenza sabiex jimmonitorja x-xogħol pero jidher li dawn kien għad ma kellhom lil ħadd. Jidher li l-Kuntrattur kien qed ifittex lil xi hadd. Xogħlijiet minn TM fi Triq Palma

xiv. Is-Sindku qal li ġiet riżolta li minflokk li ssir funtana jsir pedistall u arblu u tittlella l-bandiera. Qal ukoll li l-Onor. Silvio Parnis bħala l-Aġenzija għar-Riġenerazzjon tas-South ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Pedistall b'arblu

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba sabiex issir bozza ġdida fi TRIQ IL-FIERES u li kienet ġiet imwaħħla mill-Kuntrattur tal-Kunsill, kif ukoll kienet imtliet ukoll il-formola STL u ntbgħatet lill-Enemalta sabiex isir l-ikkonnettjar tad-dawl ta' din il-bozza ġdida minnhom, issa spiċċajna b'rapport tal-pulizija. Spjega s-Sindku li dna ġara wara li r-resident li kien jiġi jagħmel it-talba reġa ċempell-uffiċċju u din id-darba għamel akkużi serji bħal fost oħrajn "kollha nqaċċtilkom raskom". It-trainee li wieġeb it-telefonata kellu jinżel l-Għassa ta' Raħal Ġdid u jagħmel rapport. Bozza ġdida Triq Fieres

xvi. Il-Kunsillier Luke Genuis qal li ser jerġa jiċċekja u jkellem lill-Perit responsabbli sabiex jara f'hix waslet il-proposta li ssir traffic management fil-parti tat-Triq ZEJTUN ma' Triq il-KNISJA quddiem l-Ispiżerija. Traffic Management – Triq Zejtun

xvii. Rigward it-talba tal-Iskola St Thomas Moore sabiex isiru xi bins fl-inhawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll forsi l-Kunsill ikunx jista' jisponsorja bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola, ġie deċiż li s-Sindku Paul Farrugia flimkien mal-Kunsillier Ishmael Dalli jagħmlu meeting mal- GREEN MT nhar l-10 t'Awwissu 2016. Laqgħa GREEN MT - Bins

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbgħatet ittra ta' ringrazzjament lis-sezzjoni tal-MSD li kienet ħadet ħsieb il-manutenzjoni fuq il-BELISHA LIGHTS ġewwa Ħal Tarxien. Manutenzjoni Belisha Lights

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew mingħand it-TM dwar l- Bankina – Triq

ilment li kien daħal mingħand l-Onor. Silvio Parnis f'isem persuna li jagħmel użu minn siġġu tar-roti. Dan is-Sinjur kien qed jitlob sabiex il-Kunsill jintervjeni u jara x'jista jagħmel sabiex forsi titwessa' l-bankina ta' quddiemu fi triq Marjanu Gerada. Is-Seg. Eżek. wriet ritratti tas-sit in kwistjoni. Marjanu Gerada

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Mobile Dental Clinic kienet ġiet kif skedat nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 bejn id-9:00am u 12:30pm tiġi fil-Pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali u jidher li kien hemm konkorrenza tajba. Mobile Dental Clinic

xxi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-uffiċċju kienu ġew żewġ uffiċċjali mill-Aġenzija li kienet qed tirrapreżenta l-ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME. Kompliet tispjega li l-ħaddiema kollha assenjati magħna, 8 b'kollox, ingħatalhom kuntratt indefinit li kopja tiegħu kellna nitolbuh lill-ħaddiema stess. Sadanittant pero b'żieda ma' dan il-Kunsilli Lokali ġew mitluba li jiffirmaw Memorandum of Understanding li fost oħrajn hemm klawżola li l-Kunsill Lokali jrid jħallas lil kull ħaddiem performance bonus ta' €300 fis-sena. Dwar dan intbgħatet ittra lill-Dir. Dipt. Gvern Lokali minn Seg. Eżek. ta' Kunsill ieħor fejn dawn qallulu biex għalissa ħadd ma jiffirma xejn. Community Work Scheme

xxii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa tal-Kabinett li għaliha ġew mistiedna s-Sindki kollha tar-Reġjun Xlokk, fost punti oħra li ddiskuta semma l-fatt li minn meta ġiet introdotta s-sistema tal-WEEE, l-ispejjeż għall-Kunsill Lokali żdiedu u dan ma kienx ibbaġitja għal din l-ispiża. Spejjeż Bulky u WEEE żdiedu

xxiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sindku l-ġdid ta' Ovindoli reġa għamel kuntatt miegħu sabiex nerġgħu nirravvivaw l-ġemellaġġ ta' bejnietna. Is-Sindku qal ukoll li ġie mistieden sabiex jattendi għal ftit jiem ġewwa Ovindoli. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li l-ispejjeż tal-flight iħallashom hu personali filwaqt li l-Kunsill iħallas t-taxxi. Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku Paul Farrugia jħallas l-ispejjeż tal-flight filwaqt li t-taxxi jitħallsu mill-Kunsill Lokali. Ġemellaġġ Ovindoli

xxiv. Is-Sindku qal li għal CITIZENS MEETING jaqbel li napplikaw permezz ta-kuntrattur tagħna u ninvolvu lill-VELIKO Turnovo, OVINDOLI, TARXIEN, LULA. Citizens Meeting

xxv. Is-Seg. Eżek. qalet li l-Kunsill Lokali kienet ġiet tfajla biex tippreżenta lilha nnifisha bħala l-kandidata f'isem r-Raħal ta' Ħal Tarxien għal Ms Malta. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li nitolbu lil din is-sinjorina x'relazzjoni għandha ma' Ħal Tarxien peress li mill-ID Card li ppreżentatilna din toqgħod ġo raħal ieħor. Miss Malta Contest

xxvi. Il-Kunsill kienet daħlet proposta minn SKOLASAJF sabiex issir xi attivita' mit-tfal flimkien mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel unanimament li nagħmlu xi ħaġa forsi ssir żjara fit-tempji u anke forsi jsir xi tħawwil ta' pjanti fi Ġnien Veliko Turnovo. Skolasajf

xxvii. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jiftakrux li xi ħadd kien talab għal żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir u l-Kunsill kien oġġezzjona. Dan qed jistaqsih għall-fatt li mar ikelmu xi ħadd fejn qallu li l-MEPA dak iż-żmien kienet tagħtu permess għall-iżvilupp pero li l-Kunsill Lokali kien oġġezzjona. Żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir

Ġie ssuġġeriet li niktbu lill-Planning Authority biex jagħtina kopja tal-oggezzjoni tagħna u dan dejjem jekk teżisti.

xxix. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI . Ġie deċiż li nitkellmu mal-librara tal-Kunsill ħalli naraw x'hemm bżonn. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xxx. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 - Saret CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar

diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li niccekjaw għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. — Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xxxi. CIRKOLARI 10/2016 – Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-Lokalitajiet - Il-Kunsill unanimament iddeċieda li ma jirreġistrax għal din l-inzijattivia — CIRKOLARI 10/2016 – Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-Lokalitajiet

xxxii. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna checklist tal-proċedura għall-GEMELLAGG. Mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha is-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. — Proċedura – Gemellaġġ LULA

xxxiii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Uffiċċju kienu waslu xi ittri ta' Ringazzjament. għas-sapport u ko-operazzjoni waqt iż-żmien tal-Festa. Mingħand :- — Ittri Ringrazzjament

- Għaqda Mużikali Marija Annunzjata
- Għaqda tan-Nar San Gabriel

xxxiv. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li dakinhar tal-laqgħa fil-għodu kien mar il-Kunsill is-Seg. Kumitat tal-Festa, is-Sur Joshua Mercieca fejn ippreżentalha bl-idejn żewġ ittri waħda minnhom kienet ittra fejn dan kważi kważi ddikjara li l-Kumitat tal-Festa ser jorganizza attivta' fi Ġnien fejn il-Bandli. — Ittra – Attivita' Kumitat tal-Festa.

xxxiv.i Is-Sindku qal li s-Sur Mercieca kien ċempillu u qallu li kien qed jagħmillu pjaċir li kien qed iċempillu u jinfurmah li l-Kumitat kien ser jagħmel attivita'. Is-Sindku żied jgħid li hu ma jaċċettax din l-atitudni. Il-Kunsillier Frans Agius qal per prinċipju m'għandux problema li l-attivita' issir. Imma nirrispondu l-ittra li l-Kunsill għandu responsabbilta fir-raħal u għaldaqstant bħalma dejjem ġara l-Kumitat għandhom jiktbu u jitolbu l-permess kif wara kollox inhi l-prassi. Kien hemm qbil unanimu.

xxxv. Kompliet is-Seg. Eżek. li l-Ittra l-oħra kienet dwar xi nuqqasijiet tal-Kunsill fil-konfront tal-Kumitat bħall:- — Ittr Kumitat tal-Festa

- PERMESSI
- PERMESSI GABBANI
- JUM ĦAL TARXIEN
- MILIED 2015

Kien hemm qbil unanimu li nirrispondu punt punt din l-ittra u nibgħatu lill-Kumitat fejn navzawh ukoll li fil-futur qarib kienet ser tissejjaħ laqgħa mill-Kunsill Lokali kollu flimkien mal-Kumitat tal-Festa kollu.

*Il-Kunsillier Frans Agius irtira fi 20:00pm*

xxxvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Uffiċċju kienet waslet ittra mingħand is-Seg. Is-Sur Peter Agius tal-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina fejn dan apparti li rringrazzja lill-Kunsill tal-kooperazzjoni waqt il-festa tal-Madonna tad-Duttrina għamel ukoll xi kummenti. — Ittra Seg Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina

Kien hemm qbil unanimu li nirrispondu punt punt din l-ittra u nibgħatu lill-Kumitat kollu.

xxxvii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien hemm diversi korrispondenza mat TM.

a) Sabiex il-Kunsill Lokali jipproponi 3 siti fejn jistgħu jiġu nstallati EVS CHARGING POINTS. Il-Kunsillier LUKE Genuis ser jieħu ħsieb jipprepara dan id-dokument u jressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. — EVS Chargin Points

b) Ġejna mitluba mit-TM sabiex il-Kunsill jispostja Reserved Parking fi Triq Lampuka minn fejn hi għall-ewwel post addattat peress li fejn hi preżentement ser jinfetaħ garaxx. Il-Kunsill qabel unanimament li jħassar ir-reserved parking attwali u jispostjaha għall ġo bay oħra. Spostjar - Reserved Parking fi Triq Lampuka

c) Mera – fi Triq San Tumas faċċata tad-dar Nru. 363. Is-Sur Michael Cohen għandu jibgħatilna lura. Mera triq San Tumas

d) Il-Kunsill unanimament qabel li ma kellux oġġezzjoni għal-talba ta' Reserved Parking – 26A, Casa Venezja, Triq Odilone Caruana Reserved Parking – 26A, Casa Venezja, Triq Odilone Caruana

e) It-TM m'approvatx talba għal Reserved Parking f'Nru 2, Triq Sant'Antnin Tarxien peress li l-applikant ma kellux kundizzjoni severa ħafna. TM m'approvatx talba għal Reserved Parking f'Nru 2, Triq Sant'Antnin

**3. Affarijiet Finanzjarji**

- **Skeda ta' Pagamenti**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 41/07 għall-fatturi ta' Lulju 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**4. Rapport tal-Kunsilliera**

i. ***Rapport mis-Sindku***

- XEJN

ii. ***Rapport mill-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku qal li ser ikun qed jaħdem fuq neighbourhood watch minn Ottubru

ii.i Qal ukoll li ser ikellem lil Sra Doris Montebello ħabba aerobics.

iii. ***Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

*Il-Kunsillier Dalli qal li qed jistenna mingħand l-Electrowaste biex jitwaħħal il-bin għar-riċiklaġġ tat-tessuti.* *bin għar-riċiklaġġa tat-tessuti.*

iv. ***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

Il-Kunsilliera Doris Vella ppreżentat rendikont għall-ħarġa tax-xahar ta' Lulju f'Għawdex. Ħarġa għal Għawdex

**5. Ħwejjeġ Oħra** **Bord tat-Tyres**

*Ġie deċiż li nhar il-11 T'AWWISSU 2016 jiltaqa l-Bord sabiex jiddiskuti l-każijiet pendenti fuq il-claims għal rifużjoni tat-tyres.*

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 8:30pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar 31 AWWISSU fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**